**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 t' Awissu, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Jonathan Ferris)**

**-vs-**

**Glen Borg detentur tal-Karta tal-Identita**
**bin-numru 281675M**

Kumpilazzjoni Nru. 19/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Glen Borg talli:

> F'Awwissu 2012 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' John Abela ID 217369M.

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,

jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Clinton Bondin ID582781M.

3. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu tal- kumpanija TITAN INTERNATIONAL LTD.

4. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-istabiliment FIRM A. GRECH POLLACO u/jew Anthony Grech ID 654047M.

5. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-istabbiliment BONNICI STORES LTD. u/jew Godfrey Bonnici ID 382367M.

6. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-kumpanija SIMONDS FARSONS CISK PLC.

7. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn

tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' PAUL MICALLEF ID 413759M.

8. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-kumpanija ALCOM ENTERPRISES CO.LTD. u/jew id-diretturi tagħha.

9. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-istabbiliment TOOL CENTRE u/jew Joseph Saliba.

10. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kellu fil-pusses tiegħu xi ħaġa li kien jaf li kienet misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat u naqas milli jgħarraf lill-Pulizija b'dan il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta sar jaf.

11. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'atti awtentiċi u pubbliċi, jew fi skritturi kummerċjali jew ta' banek privati, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` diversi ċekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc. u Bank of Valletta plc, li jippartjeni lil Savior Grima, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

12. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsmmija fl-artikoli imsemmija f'dan is-subtitolu [179 -183 tal-Kodici Kriminali.[1]

13. talli wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenzi sospiża liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghawx tiġi mibdula;

14. sar reċidiv ai termi tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodiċi Kriminali) tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversement preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

[1] Korrezzjoni awtorizata b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 2013, fol.188

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-21 ta' Mejju, 2014,[2] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat primarjament b'diversi akkuzi ta' frodi, ricettazzjoni falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falz.

Mill-atti proceswali jirrizulta li diversi persuni kienu qed jbieghu merkanzija lill-persuni ohrajn wara li dawn tal-ahhar ikunu ghamlu kuntatt maghhom u jirraprezentaw rwiehom bhala rapprezentanti jew impjegati ta' Salvu Grima Ship Chandlers. Bhala pagament kienu qed jinghataw cheques mahrugin f'isem Saviour Grima, izda meta jippruvaw issarfu dawn ic-cheques, kien jirrizulta li l-accounts partikulari jew kienu maghluqin jew ic-cheques beda jigi referred to darwer. Lill-pulizija rrizultalha li Saviour Grima kien miet fil-2009 izda zewg cheque books tieghu mahruga mill-banek BOV plc. u l-HSBC plc. ma kienux gew ritornati. Ghalhekk kien cjar li dawn iccheque books kienu gew fil-pussess ta' terzi li bdew jaghmlu uzu minnhom sabiex jakkwistaw tali merkanzija. L-imputat kien gie identifikat wara li l-vettura li kienet intuzat mill-imputat sabiex jigbor il-merkanzija, kienet dehret fuq CCTV ta' zewg kumpaniji li wkoll spiccaw ffrodati, Alcom Enterprises Ltd. u Titon International Ltd.[3]

John Abela, parte leza, li hu wholesaler tas-sigaretti jixhed kif kien ircieva telefonata minghand persuna li qalet li tahdem ma Salvu Grima "fl-ufficju tas-Sur Tony" u gie mistqosi jekk kienx lest ibiegh xi xoghol. Siegha wara rega' cempillu u ordna s-sigaretti u gie mifthiem li kellhom jiltaqaw fit-Triq ta' Bir id-Deheb. Abela gharaf lill-imputat li kien il-persuna li mar b'karozza

[2] Fol.283
[3] Fol.29 et seq, JF1 u JF2

Chevrolet hamra jiltaqa mieghu biex jigbor ix-xoghol, u fejn hu kien inghata cheque minghand l-imputat.[4] Jiddeskrivi kif l-imputat deher mfixxkel u mghaggel tant li gieh suspett u fil-fatt l-ghada kien mar jipprova jsarraf ic-cheque u sab li kien gie referred to drawer. Kull tentattiv sabiex jaghmel kuntatt mal-imputat safa fix-xejn ghax il-messagg kien li n-numru ma jezistix.

Clinton Bondin, wholesaler tas-sigaretti, jiddeskrivi kif kien ircieva telefonata ukoll mingahnd xi hadd li qal li s-Sur Tony mingahnd Salvu Grima u saqsieh jistax ibiegh sigaretti. Meta rega' sar kuntatt ma Bondin dan kien inghata l-VAT number. Kien ltaqa mal-imputat, li kien qed issuq vettra hamra, l-ghada filghodu iz-Zejtun hdejn Cassar Service Station. Hekk kif tah ix-xoghol, l-imputat tah cheque izda wara sar jaf li ma kienx issarraf.[5] Kien ghalhekk li kien avvza lil kumapnija British American Tobacco li jekk ikun hemm xi ordnijiet f'isem Salvu Grima, kellhom javzaw lill-klijenti taghhom li tali cheques ma kienux qed jissarfu. B'hekk ma komplewx jingidmu aktar nies. Ic-cheque mghoddi mill-imputat lil Bondin gie esebit a fol.67u mmarkat bhala €3976.

David Farrugia, Sales Manager ma Titan International Ltd, xehed kif ircevew telefonata u gew mitlubin jissuplixxu ghoddod, u cioe' jigger u grinders tal-marka Hitachi. Jispjega li meta x-xoghol gie biex jingabar hu kien xoghol u kien l-imputat li mar jigbor ix-xoghol u anke hallsu b'cheque li sussegwentement kien gie referred to drawer. Ikkonferma li ghadda CCTV footage li minnhu nharrgu stills (JF1) minn fejn kienet tidher il-vettura tal-imputat bl-imputat innifsu jidher diehel fiha. Esebixxa ic-cheque flimkien am dokumentazzjoni relattiva ghall-ghodod li nxtraw bhala JF4; liema cheque kien ghall-valur ta' €2136. Farrugia jerga jikkonferma li l-istills li jinsabu mmarkati **Dok.JF2** kienu mehuda minn CCTV footage li kien gie mghoddi mill-kumpanija lill-Pulzija. Fihom tidher vettura hamra bi pjanci ta wara bin-numru CHA 387 kif ukoll l-imputat.

Xhieda simili giet minghand Anthony Grech[6] li hu trader that id-ditta A. Pollacco, li hi importer u distributor tal-power tools fosthom dawk tal-marka JCB. Il-persuna li regghet identifikat rihha bhala li tahdem ma Salvu Grima tablet ghal xi generators u chasers. Kien gie persuna – li ix-xhud jaghraf bhala l-imputat -jigbor chaser, generator u tlett grinders[7] u kien tah

[4] Fol.39 et seq. Cheque ghall-ammont ta' €6324.21 esebit bhala JF3
[5] Fol.46 et seq
[6] Fol.58 et seq.
[7] Fol.60

cheque. L-imputat kien mar b'karozza hamra. Wara rrizulta li c-cheque kien gie bounced, "drawer deceased". Ic-Cheque in kwistjoni gie esebot bhala Dok. JF5 u kien ghal €2000.

L-Ispettur James Busuttil spjega kif hanut li jbiegh apparat tal-biedja kien ircieva li ried telefonata minn persuna li qallu kien jismu Salvu Grima li qallu roed jixtri generators li ried jibghathom il-Libya. Persuna kienet marret tigbor dawn il-generators u tah cheque fuq il-prezz mifthiem. Gara li c-cheque ma ssarafx u sar rapport l-Ghassa minn fejn irrizulta li is-Salvu Grima li kien jidher fuq ic-cheques ma kienx l-istess Salvu Grima tal-Export u Import, imma persuna ohra bl-istess isem li kienet mejta. Kien gie suspettat Glenn Debattista u investigazzjonijiet zvelaw li Debattista kien iccempel lil persuni u jordna xoghol izda jibghat lill-imputat jew lill-persuna ohra maghrufa bhala 'Holy Ghost', jigbor l-affarijiet li jkun ordna u jhallas bic-cheque. L-ispettur jghid li kienet nstabet hafna ghodda li kienet ghada ippakjata u mill-marka taghha kienu gew intraccati il-hwienet minn fejn inxtraw, fosthom minghand Anthony Grech tad-ditta A. Pollacco.[8]

Xehed ukoll Joseph Saliba mit-Tool Centre li ukoll gharraf lill-imputat bhala l-persuna li marret tigbor tlett *chasers* u taghtu cheque ta' €405, esebit a fol.72 u mmarkat bhala Dok. JF9.

Anthony Ghirxi in rapprezentanza ta' Farsons Direct esebixxa cheque ghal €975.87(JF10, fol.87) izda ma setghax jikkonferma li kien l-imputat li ghaddielu dak ic-cheque.[9] L-istess jinghad ghax-xhud Duncan Farrugia rapprezentant ta' Alcom Enterprises Ltd., kumpanija li tibiegh ghodod, li ghalkemm kien inghata cheque ta €900 (JF11, fol.88) ma kienx f'posizzjoni jiddentifika lill-persuna li kienet ghaddiet dak ic-cheque.[10]

Romwald Attard esebixxa *specimen signature*[11] ta' Saviour Grima (karta ta' l-identita` numru 608236M), li kien l-*account holder* tal-kont nru 40015749895 mizmum mal-Bank of Valletta plc. Attard jghid li l-bank ma kienx gie nfurmat li Grima kien miet imam saru jafu dwar il-mewt tieghu mill-pulizija u sussegwentement fit-2 ta' Lulju, 2010 infurmaw lill-btanch biec il-kont jigi blukkat. Audrey Ghiho in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ukolll esebiet specimen signature ta' Savoiur Grima ghall-kont nru 027035765001 li giet esebita bhala Dok.JF14[12]

---

[8] Fol.200
[9] Fol.97-98
[10] Fol.99 et seq.
[11] JF8, u JF16 a fol.147.
[12] Vide fol. 143 overleaf bhala parti mid-dokumentazzjoni esebita bhala Dok.JF13 fol.123.

Fil-fatt certifikat tal-mewt ta' Salvatore Grima hu esebit a fol.107 u juri id-data tal-mewt bhala dik tas-27 ta' Novembru, 2009. Brian Farrugia jixhed li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CHA 387 kienet tal-ghamla Peugot 106 ta' kulur griz registrata fuq Raymond Cutajar, karta tal-identita` nru 487359M u kienet ilha hekk registrata sa mill-15 ta' Settembru 2009. Raymond Cutajar xehed li bintu kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-hamrun wara li nnutata li naqas in-number plate minn fuq il-vettura Peugot.[13] Jirrizulta li r-rapport sar fit-23 ta' Lulju, 2012 minn Charlene Cutajar, li ukoll kkonfermat li kienet sabet in-number plate ta' wara, numru CHA387, nieqes.[14]

L-espert kalligrafiku Joseph Mallia kkonkluda li wara ezamijiet komparattivi mal-kalligrafija tal-imputat, irrizulta l-firem fuq ic-cekkijiet ma kienux tal-imputat.[15]

In tema legali kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan ittelf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol.XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Ricentement din il-Qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Bartolo et** ghamlet studju approfondit dwar ir-reati previsti bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali: *[16]*

"Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[17] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

[13] Fol.274-276
[14] Fol.279
[15] Fol.212 et seq
[16]Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza 16 ta' Marzu, 2016, Magistrat Dr Josette Demicoli,
[17] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

Antolisei jkompli jghid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[18].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[19]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*
b. *billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
c. *ta' kwalifiki foloz jew*
d. *billi jinqeda b'qerq iehor u*
e. *ingann jew*
f. *billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
g. *jew ta' hila*
h. *setgha fuq haddiehor jew*
i. *ta' krediti immaginarji jew*
j. *sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

[18] Op cit pagna 357
[19] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "****I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi mehud in kunsiderazzjoni l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni abbinati mal-gurisprudenza u l-insenjamenti fuq citati, huwa evidenti li l-imputat hu hati tar-reat kif previst fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat, kien irilaxxa stqarrija fejn ghajr ghall-twegiba li hu kien **car dealer**, ghazel li ma jirrispondix ghall-mistoqsijiet li kienu qed issirulu.[20] Jekk b'ammissjoni tieghu stess l-imputat kien car dealer ghaliex kien qed iddur hwienet jigbor sigaretti u ghoddod u jghaddi forma ta' hlas b'cheque book intestat f'isem persuna terza? *Car dealer* ma jinnegozjax f'sigaretti, *generators, chasers u grinders*.

Mill-provi akkwiziti ma hemmx dubbju li il-*mise en scene* min-naha ta' l-imputat saret u saret konsapevolment. Ghalkemm ma giex pruvat minn kien effetivament qed iccempel lill-partijiet leza, il-Qorti ghandha l-konvinciment morali li l-imputat kien ben konxxju mill-ingann u qerq adoperat min-naha tieghu li wassal sabiex diversi kienu dawk li soffrew telf patrimonjali. Kieku kien qed jagixxi in bona fede ghaliex kellhu ghalfejn juza vettura b'number plates foloz? Ghaliex tant deher mifxul u mghaggel, tant li qanqal suspett?[21]

Ghalhekk il-Qorti qed issib htija biss fuq l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, u d-disgha imputazzjonijiet fuq frodi, u dan peress li ma giex ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li kien ghadda c-cekkijiet lil Bonnici Stores Ltd. u/jew Godfrey Bonnici, Simonds Farsons Cisk plc., Paul Micallef u Alcom Enterprises Co.Ltd.

Mill-atti proceswali ma jirrizultax min ghamel il-falsifikazzjoni, anzi l-espert Mallia jeskludi li din saret mill-imputat. Ghalhekk l-imputat qed jigi

[20] Dok.JF22
[21] Fol.42

liberat mill-imputazzjoni numru hdax izda mhux mill-imputazzjoni prevista bl-artiklu 184 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-imputazzjonijiet 10 u 12 ghandhom jigu kunsidrati bhala mezz ghall-fini tal-imputazzjonijiet rigward il-frodi li qed tinstab htija dwarhom (u cioe` numri 1 sa 4, it-tnejn inkluzi, kif ukoll l-imputazzjoni numru 9).

Illi fl-atti giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata it-3 ta' Lulju, 2012, fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta li l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati ta' l-imputat odjern. Ghaldaqstant qed tinstab htija dwar l-akkuza li l-imputat wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenzi sospiża kif ukoll li huwa recidiv.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42(d), 43, 49, 50, 184, 308, 309, 310 (1)(a)(b)[22] u 334A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Glen Borg hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, d-disgha, l-ghaxar, it-tnax, it-tlettax u l-erbatax il-imputazzjoni u tikkundannah ghall-erba snin prigunerija, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha.

Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh wkoll is-sentenza sospiza ta' sentejn (2) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-3 ta' Lulju, 2012.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[22] Il-piena ai terminI tal-Artikolu 310(1)(A) qable l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet ta' bejn it-13 il-xahar u s-seba snin prigunerija, filwaqt li di kai termini tal-Artikolu 310(1)(b) kienet bejn hames xhur u tlett snin prigunerija.